**19 ta' Novembru, 1960**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Carmelo Vassallo

**Trieq — Ingombru — Art. 2 tal-Kap. 13.**

*Trieq li hi fil-fatt suġġetta għat-transitu tal-pulizija hija trieq fis-sens tal-liġi, avvolja tkun ta' proprjetà privata. Anki jekk il-privat jikkonserva d-dritt ta' dominju fuq it-trieq, hu jibqa' aġġossat bl-oneri kollha, fosthom il-preskrizzjonijiet tal-Liġijiet tal-Pulizija; u kwindi ma jistgħax jingombra l-passaġġ minn dik it-trieq.*

Il-Qorti:— Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta kontra l-imputat talli l-Imġarr, f'dawn l-aħħar tliet xhur, fil-11 ta' Awissu 1960, iddepożita materjal tal-bini f'St. Pius Street mingħajr liċenza tal-Pulizija; u talli, barra min dan, ingombra l-passaġġ tat-trieq bl-istess materjal; u aktar,

naqas li jiehu ħsieb biex l-istess materjal ikun indukrat tajjeb matul il-lejl;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-30 ta' Settembru 1960, li biha sabitu ħati talli ddepożita materjal mingħajr permess u ma għamelx dawl, u kkundannatu 10s. ammenda għall-ewwel u 10s. ammenda għat-tieni mputazzjoni, u lliberatu mill-imputazzjoni ta' ngombru;

Rat ir-rikors li bih l-imputat appella, u talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, u li hu jiġi liberat;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Għalkemm il-permess eżibit fol. 10 ġie retro-datat mill-11 ta' Awissu 1960, ġurnata li fiha ġie kommess ir-reat, fil-fatt ġie ottenut, kif turi d-data tiegħu, fl-20 ta' Awissu 1960, ċjoè wara l-kommissjoni tar-reat, u l-uffiċjal li rrilaxxjaħ ma kellu ebda poter li jikkondona r-reat, li għandu jiġi ritenut kommess l-istess;

It-trieq, għad li tidher għalissa ta' proprjetà privata, hi però fil-fatt suġġetta għat-transitu tal-publiku. Skond id-definizzjoni tal-liġi "in subiecta materia (art. 2 Kap. 13), "trieq" hi anki kull post ta' passaġġ publiku. Anki jekk il-privat jikkonserva d-dritt tiegħu ta' dominju, però jibqa' addossat bl-oneri kollha, fosthom il-preskrizzjonijiet tal-Liġijiet tal-Pulizija (App. Krim. "Pul. vs. Desira", 12 ta' Jannar 1924), fejn intqal— "La legge considera che il privato. contribuendo il proprio suolo alla formazione di una strada che egli apre al publico, voglia assoggettarla alla servitù di transito pubblico, e, conservandone la proprietà, ne ritiene gli oneri";

Għalhekk tiddeċidi billi tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.